



Brussell, 25 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9356/18

LIMITE

ECOFIN 492
SOC 310
BUDGET 18
STATIS 35

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8804/18	
Suġġett:	KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fid-dawl tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu, kif adottati mill-Kunsill fit-3619-il laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Mejju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ
TAL-FINANZI PUBBLIĊI FID-DAWL TAL-POPOLAZZJONIJIET LI QED JIXJIEĦU

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. JENFASIZZA li l-popolazzjonijiet li qed jixjieħu joħolqu sfida kbira għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, aggravata miż-żieda sinifikanti fil-livelli tad-dejn tal-gvernijiet wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja. Għalkemm reċentement id-dejn beda jieħu xejra 'l isfel fl-UE, dan għadu għoli u huwa mistenni li għal xi ftit ta' żmien ser jibqa' ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi. F'dan il-kuntest huwa partikolarment importanti li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. JAFFERMA l-hteġa ta' konsolidazzjoni fiskali xierqa li tiffavorixxi t-tkabbir f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u ta' implimentazzjoni ulterjuri tar-riformi strutturali li jappoġġaw it-tkabbir potenzjali sabiex tittejjeb is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.
2. JAPPROVA r-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2018: projezzjonijiet ekonomiċi u baġitarji għall-Istati Membri tal-UE (2016-2070) imħejjija mill-Kumitat tal-Politika Ekonomika (il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tixjiħ) u l-Kummissjoni (DG ECFIN) abbażi ta' metodoloġiji u suppożizzjonijiet miftiehma b'mod komuni. F'konformità mal-edizzjonijiet preċedenti, il-projezzjonijiet fir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2018 ikopru n-nefqa pubblika marbuta mal-età (il-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, l-edukazzjoni) u n-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad.
3. JENFASIZZA s-sejbiet ewlenin tar-Rapport dwar it-Tixjiħ 2018:
 - It-tnaqqis mistenni fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol ser ikollu l-effett li fuq perijodu twil ta' żmien inaqqas ir-ritmu tat-tkabbir, filwaqt li l-produttività tax-xogħol ser tkun l-uniku mutur għat-tkabbir. Fl-UE inġenerali, ir-rata ta' tkabbir annwali medja tal-PDG hija proġettata li tibqa' ġeneralment stabbli fit-tul. Fl-istess ħin hemm differenzi konsiderevoli fil-potenzjal tat-tkabbir fost l-Istati Membri. Tul il-perijodu kollu 2016-2070, ir-rata ta' tkabbir annwali medja tal-PDG fl-UE hija proġettata li tkun 1.4 % fix-xenarju ta' referenza, b'suppożizzjoni ta' żieda mdaqqsa fit-tkabbir tal-produttività totali tal-fatturi (PTF). Skont xenarju alternattiv u inqas ottimist ta' tkabbir PTF aktar baxx, ir-rata ta' tkabbir annwali medja tal-PDG stmata fl-UE tkun ta' 1.1 %.

- In-nefqa pubblika totali marbuta mal-età hija proġettata li togħla b'1.7 pp. tal-PDG bejn l-2016 u l-2070 fl-UE, biex tilħaq 26.6 % fl-2070, għalkemm b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi. Skont xenarju ta' suppożizzjoni makroekonomika aktar negattiv (bi tkabbir PTF aktar baxx), din tiżdied bi 2.2 pp. bejn l-2016 u l-2070, biex tilħaq 27.1 % tal-PDG fl-2070.
- In-nefqa pubblika għall-pensjonijiet hija proġettata li togħla b'0.8 pps. tal-PDG fil-perijodu sal-2040, u sussegwentement terġa' tinżel għal ftit inqas mill-punt tat-tluq sal-2070 (11 % tal-PDG għall-UE). Madankollu, in-nefqiet għall-pensjonijiet proġettati jkunu oġhla fil-każ ta' suppożizzjonijiet makroekonomiċi jew demografiċi aktar negattivi. Pereżempju, skont ix-xenarju ta' tkabbir PTF aktar baxx, iż-żieda sal-2040 hija stmata għal 1.1 pp. tal-PDG, bin-nefqa għall-pensjonijiet tilħaq il-11.4 % tal-PDG fl-2070. Għal darb'oħra hemm diversità sinifikanti bejn l-Istati Membri, li tiddependi mil-livell u ż-żmien tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, il-prospetti tat-tkabbir tal-PDG, il-fatturi speċifiċi tas-sistemi tal-pensjoni nazzjonali u, b'mod partikolari, il-progress tal-pajjiżi b'riformi strutturali.
- In-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul hija proġettata li tiżdied b'2 pp. tal-PDG fl-UE fix-xenarju ta' referenza, għal 10.4 % tal-PDG fl-2070, li tirrifletti prinċipalment l-iżviluppi fil-popolazzjonijiet. B'kont meħud tal-iżviluppi futuri possibbli fil-fatturi ewlenin tal-ispejjeż li mhumix demografiċi fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, iż-żieda proġettata fin-nefqa marbuta mal-kura hija ta' 4 pp. tal-PDG bejn l-2016 u l-2070.

4. JAFFERMA MILL-ĠDID li, filwaqt li jilqa' r-riformi reċenti li saru f'bosta Stati Membri, biex ilaħħqu mal-isfidi indikati mill-projezzjonijiet tan-nefqa marbuta mal-età, ser ikun meħtieġ li l-Istati Membri jieħdu azzjonijiet politiċi ulterjuri biex isolvu kwistjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jimplimentaw r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew marbuta mas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll japplikaw l-istrateġija fuq tliet livelli li tindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi u baġitarji tat-tixjiħ billi jitnaqqas id-dejn tal-gvern, jiżdiedu r-rati ta' impjieg u tal-produttività, u jsiru riformi fis-sistemi tal-pensjoni, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.

5. F'dan ir-rigward, JILQA' l-fatt li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, ir-riformi reċenti fil-pensjonijiet kellhom impatt pożittiv billi rażżnu d-dinamiċi tan-nefqa pubblika u kkontribwixxew għal żieda fl-età medja tal-ħruġ mis-suq tax-xogħol. JINNOTA li l-iskala tar-riformi f'diversi pajjiżi hija madankollu mhux biżżejjed biex titrażżan iż-żieda fin-nefqa pubblika fuq il-pensjonijiet u jinsab imħasseb li f'xi każijiet ir-riformi preċedenti treggħu lura.
- JENFASIZZA li għad jeħtieġ li jittieħdu aktar passi mill-Istati Membri, għalkemm f'livelli differenti, biex tiżdied l-età effettiva tal-irtirar, inkluż billi jiġi evitat il-ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol, jiġi promoss it-tixjiħ attiv; jissaħħu l-inċentivi biex wieħed jibqa' fis-suq tax-xogħol; u jissaħħu l-elementi tas-sostenibbiltà fis-sistema tal-pensjoni billi pereżempju l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni jintrabtu mal-istennija tal-għomor. Jeħtieġ li jiġu evitati miżuri li jimplikaw it-treggħiġ lura ta' riformi li diġà bdew jitwettqu għat-tisħiħ tas-sostenibbiltà.
- JINNOTA l-importanza ta' perspettiva olistika kemm tas-sostenibbiltà finanzjarja kif ukoll tal-adegwatezza tas-sistemi tal-pensjoni. Ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet 2018 jikkomplementa r-Rapport dwar it-Tixjiħ 2018 f'dan ir-rigward.
6. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Novembru 2016, JAFFERMA MILL-ĠDID li huwa partikolarment importanti li jintlaħaq l-għan doppju li jiġu żgurati kemm is-sostenibbiltà fiskali kif ukoll l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità tajba u fit-tul għal kulħadd, bit-titjib fl-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul.
7. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tieħu kont ta' dawn is-sejbiet marbuta mal-isfidi tat-tixjiħ fl-analiżi u s-sorveljanza tagħha taħt is-Semestru Ewropew u biex tieħu kont tal-implikazzjonijiet tagħhom fl-oqsma rilevanti kollha tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-UE.
8. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex twettaq il-valutazzjoni profonda regolari tagħha tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi sa tmiem l-2018 bl-użu ta' dan is-sett ta' projezzjonijiet aġġornat komprensiv u komparabbli. Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika għandu jirrapporta lura lill-Kunsill abbażi tal-valutazzjoni.

9. JILQA' l-ħidma li għaddejja tal-Eurostat fuq it-titjib tal-governanza tal-projezzjonijiet tal-popolazzjonijiet, inkluż l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki u suġġerimenti għal titjib mal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs) u r-rappurtar lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika bl-għan li jitjiebu l-kwalità u s-solidità tal-projezzjonijiet tal-popolazzjonijiet, b'rispett sħiħ għall-indipendenza tal-Eurostat u l-NSIs. JISTIENEN lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika u lill-Kummissjoni biex jaġġornaw, abbażi tal-projezzjonijiet il-ġodda tal-popolazzjoni li ser jiġu pprovduti mill-Eurostat, l-analiżi tagħhom tal-implikazzjonijiet ekonomiċi u baġitarji tat-tixjiħ tal-popolazzjonijiet sal-ħarifa tal-2021.
-